# KULLEĠĠ SAN NIKOLA
## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU
## Frar 2012

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-QARI) | Il- ĦIN: ĦAMSIN MINUTA |
|---|---|---|

L-Isem u l-Kunjom: ________________________ Il-Klassi: ________

Marka Totali
_____
30



## L-Ewwel Taqsima **(10 marki)**

**Aqra dan il-poster u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**



**A. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(4 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | ***Se jkun hemm*** | | huwa mingħajr ħlas. |
| 2. | Il-Fiera hija organizzata | | biex jiskopri pubblikazzjonijiet ġodda. |
| 3. | Id-dħul għall-fiera | | bejn il-11 u 16 ta' Novembru. |
| 4. | Il-Fiera tiftaħ | **1.** | ***it-trasport minn Bieb il-Belt.*** |
| 5. | Toffri opportunitajiet lill-pubbliku | | mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. |

**B. Għaliex wieħed għandu jżur il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb?** **(2 marki)**

______________________________________________________________

**Ċ. Immarka t-tweġiba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(4 marki)**

| | | VERU | FALZ | MA SSEMMIETX |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Fil-Fiera wieħed isib għażla ta' kotba. | ✓ | | |
| 2. | L-attivitajiet se jkunu kollha mingħajr ħlas. | | | |
| 3. | Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il-websajt www.ktieb.org.mt. | | | |
| 4. | Fis-17 ta' Novembru wieħed jista' iżur il-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb. | | | |
| 5. | Mas-16,000 ruħ żaru l-Fiera fl-2009. | | | |

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## <u>In-Nuċċali tas-Sur Bertu</u>

### *L-Ewwel Parti*



Is-Sur Bertu kien xwejjaħ li, minkejja l-eta' li kellu, kien iħobb iżomm ruħu aġġornat, pulit u attiv. Ta' kuljum kien joħroġ għall-quddiesa u wara jagħmel dawk il-qadjiet li l-aktar kien ikollu bżonn għall-ġurnata li tkun. In-nies tar-raħal kienu kollha jafuh bħala xwejjaħ minn tagħna, bi tbissima u manjieri li jiġbduk u li jħallulek togħma tajba għal matul il-jum kollu. ***(par. 1)***

Darba waħda, is-Sur Bert kellu bżonn jagħmel qadja fi spiżerija li kienet kantuniera bogħod minn daru. Din id-darba l-ispiżjar ma kellux dak li talbu s-Sur Bertu, imma minflok tah xi ħaġa li tixbah lil dak li xtaq. Għalhekk, qabel ma xtraha, arah lis-Sur Bertu jifli l-ingredjenti u t-twissijiet tar-riċetta, miktubin irqaq irqaq fuq dik il-karta li jagħtuk ma' kull kaxxa li tixtri mill-ispiżerija. Biex jagħmel dan kellu jneħħi n-nuċċali għax ma setax jaqra dak il-kliem żgħir, anzi minuskolu. Wara li s-Sur Bertu ħassu sodisfatt b'dak li kien hemm miktub, talab il-prezz lill-ispiżjar, ħallas, sellem u telaq lura lejn daru. ***(par. 2)***



Sadattant, bħalma jiġri dejjem, fl-ispiżerija baqgħu deħlin u ħerġin bosta nies. Kien hemm min innota nuċċali tal-vista żgħir, mitluq fil-ġenb tal-bank fejn tħallas. L-ewwel wieħed li nnutah kien Raymond, tifel ta' xi ħdax-il sena, li kien daħal biex jixtri xi xampu'. Sakemm kien qed jistenna, qabad in-nuċċali u rikkbu fuq imnieħru. Imma f'daqqa waħda lil Raymond bħal tah attakk ta' daħq li minnu ma setax jeħles! Hekk kif libes dak in-nuċċali beda jara lil dawk kollha ta' madwaru ħoxnin daqs baliena. "Ħa, ħa, ħa, ħa!!!" beda sejjer Raymond, filwaqt li dawk ta' madwaru waqfu jiċċassaw lejh. Id-daħq waqaf hekk kif Raymond neħħa n-nuċċali minn fuq imnieħru u poġġieh lura fejn kien sabu. ***(par. 3)***

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa.** (7 marki)

1. Is-Sur Bertu mar l-ispiżerija biex (marka)

| | | |
|---|---|---|
| a. | jixtri xi mediċina. | |
| b. | jixtri xampu'. | |
| ċ. | jixtri nuċċali tal-vista. | |

2. L-ispiżjar ma kellux dak li ried is-Sur Bert għalhekk (marka)

| | | |
|---|---|---|
| a. | ma xtara xejn. | |
| b. | xtara xampu' u krema tax-xemx. | |
| ċ. | xtara prodott simili. | |

3. ***"Iżomm ruħu aġġornat"*** *(par. 1)* tfisser (marka)

| | | |
|---|---|---|
| a. | jieħu ħsieb ruħu sewwa. | |
| b. | ikun jaf x'qed jiġri madwaru. | |
| ċ. | iżomm kollox f'postu u fl-ordni. | |

4. **Aqta' linja taħt l-aġġettiv f'din is-sentenza.** (marka)

*". . . . . . beda jara lil dawk kollha ta' madwaru ħoxnin daqs baliena."*

5. **Agħti l-femminil ta':** (2 marki)

xwejjaħ pulit ______________________________

6. **Sib verb fil-mamma minn paragrafu 3.** (marka)

____________________

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

***It-Tieni Parti***

Sadattant, is-Sur Bertu kien wasal lura d-dar u għamel xi erba' faċendiet minn dawk li kien ikollu ta' kuljum. Imma kien ilu li nnota xi ħaġa mhux tas-soltu u kien biss ftit sigħat wara li nduna x'kellu nieqes. Kien in-nuċċali! Għalhekk ma setax jara sewwa u kien ħassu skomdu għal dak il-ħin kollu! Kien qagħad dak il-ħin kollu bla nuċċali bla ma kien induna. U dan kien spiss jiġrilu, minħabba li s-Sur Bertu kien spiss jintilef f'ħafna ħsibijiet waqt li kien ikun qed jagħmel il-faċendi tad-dar. Ftit wara ftakar li kien neżgħu fl-ispiżerija. Għalhekk kellu jerġa' jilbes u jaqbeż qabża sal-ħanut. Kif daħal stenna lill-ispiżjar jaqdi lill-mara li kellu quddiemu, u wara staqsieh jekk kienx sab xi nuċċali tal-vista. L-ispiżjar għall-ewwel kien se jqarras wiċċu meta ftakar fil-praspar li kellu jara waqt dak il-jum fil-ħanut tiegħu minħabba dak in-nuċċali. Imma hekk kif ra lis-Sur Bertu serju u nkwetat għażel li ma jgħidlu xejn u jagħtih lura dak l-imbierek nuċċali. ***(par. 5)***



"Hawn qiegħed, Sur Bert. Qegħidtu fil-kexxun ħalli żgur ħadd ma jmissu", qallu l-ispiżjar bla ma qagħad idur mal-lewża. "Ibża' għalih dak in-nuċċali, għax jekk titilfu jkollok tgħaddi minn ħafna battikati u spejjeż żejda", kompla bla ma qallu x'kien ġara matul il-jum. ***(par. 6)***

Għajnejn is-Sur Betru xegħlu malli ra n-nuċċali tiegħu. Huwa rringrazzja minnufih lill-ispiżjar, ħa dak li kien ġie għalih u bi tbissima simpatika telaq lura lejn daru. ***(par. 7)***

Dak li kien ġara fl-ispiżerija, is-Sur Bertu baqa' ma sarx jaf bih sa llum. Imma jekk jaħseb ftit, wieħed issa jista' jifhem għaliex is-Sur Bertu dejjem ikollu dik it-tbissima fuq fommu matul il-jum kollu! ***(par.8)***

**Addattata minn *Avventura Żgħira f' Ta' Qali... u Stejjer Oħra* ta' Patrick Sammut.**

## A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet: **(7 marki)**

1. Għaliex kien qed iħossu skomdu s-Sur Bertu?

______________________________________________

______________________________________________(marka)

2. Għaliex l-ispiżjar qarras wiċċu meta s-Sur Bertu staqsieh għan-nuċċali?

______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

3. X'kien il-parir li l-ispiżjar ta lis-Sur Bertu?

______________________________________________

______________________________________________(marka)

4. **Għid għal min qed jirreferu.** (2 marki)

   ***Eżempju:*** kien neżgħ**u** *(par. 5)* — **u** tirreferi għan-nuċċali

   a) wara staqsie**h** *(par. 5)* — **h** tirreferi ________________

   b) qegħidt**u** fil-kexxun *(par. 6 )* — **u** tirreferi ________________



5. ***Siegħa*** *wara, is-Sur Bertu* ***sab*** *in-nuċċali għand l-ispiżjar.* (marka)

   a. **Agħti l-Għadd Imtenni ta':** *siegħa* ________________

   b. **Aqleb fin-negattiv:** *sab* ________________

**B. Aħdem dawn il-mistoqsijiet billi żżomm f'moħħok iż-żewġ partijiet tal-istorja.** **(6 marki)**

1. Fisser fi kliemek dawn l-idjomi.
   a) kienet kantuniera bogħod *(par. 2)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (marka)

   b) bla ma qagħad idur mal-lewża. *(par. 6)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________(marka)

2. Għaliex taħseb li s-Sur Bertu dejjem ikollu dik it-tbissima fuq fommu matul il-jum kollu?

   ______________________________________________

   ______________________________________________(2 marki)

*3.* Ikteb raġuni waħda għaliex taħseb li l-istorja jisimha *"In-nuċċali tas-Sur Bertu".*

   ______________________________________________

   ______________________________________________(2 marki)

**TMIEM IL-KARTA**

